

Il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa/Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u Reazzjoni Dikjarazzjoni dwar il-pariri fuq l-infezzjoni MERS-CoV għal min se jivvjaġġa

Is-6 ta' Lulju 2015

Is-sindrome respiratorja tal-Lvant Nofsani (il-MERS) hija marda infettiva emerġenti li ġiet irrappurtata għall-ewwel darba f'Settembru tal-2012 fl-Arabja Sawdija. Il-marda hija kkawżata mill-koronavajrus MERS (MERS-CoV) li jinfetta prinċipalment is-sistema respiratorja iżda f'xi każijiet serji jista' jaffettwa wkoll ħafna mis-sistemi tal-organi. Mill-2012 s'issa ġew irrappurtati kważi 1 400 każ ta' MERS f'26 pajjiż differenti. Il-maġġoranza tal-każijiet ġew irrappurtati fir-reġjun tal-Lvant Nofsani, bl-Arabja Sawdija li rrappurtat aktar minn 1 000 każ. Seba' pajjiżi Ewropej irrappurtaw każijiet ikkonfermati, il-koll b'konnessjoni diretta jew indiretta mal-Lvant Nofsani.

L-akbar tifqigħa barra mil-Lvant Nofsani seħħet fil-Korea t'Isfel meta persuna li ġiet lura mill-vjaġġi tagħha fil-Peniżola Għarbija tat bidu għal diversi raggruppamenti nożokomjali li involvew kważi 200 każ. It-tifqigħa fil-Korea t'Isfel ittiegħdet l-aktar bit-trażmissjoni nożokomjali u bit-trażmissjoni lil persuni li jieħdu ħsieb il-familja. Fl-20 ta' Mejju 2015 saret dijanjożi lill-każ tal-indiċi impurtat u matul l-ewwel ġimgħa ta' Ġunju l-epidemija laqgħet il-milja tagħha. It-tifqigħa waslet fi tmiemha iżda ma tistax tiġi eskluża d-detezzjoni ta' każijiet addizzjonali.

Hemm evidenza dejjem akbar li l-ġemel dromedarju huwa speċi ospitanti għall-MERS-CoV u li l-introduzzjonijiet zoonotiċi mill-iġmla għandhom rwol importanti għall-epidemjoloġija fil-Lvant Nofsani. Madankollu, l-infezzjonijiet zoonotiċi huma każijiet rari ħafna u kważi l-każijiet kollha fil-bniedem, kemm li seħħew fil-Lvant Nofsani kif ukoll f'pajjiżi oħra, huma r-riżultat ta' trażmissjoni mingħand persuna marida li qagħdet qrib persuni oħra, u ħafna minnhom seħħew fl-ambjent tal-kura tas-saħħa. Għadu mhux magħruf sew kif jinfirex il-virus iżda l-kontaminazzjoni permezz tal-qtar respiratorju u l-proċeduri mediċi li jiġġeneraw l-aerosol għandhom rwol fundamentali f'dan il-proċess.

Id-dikjarazzjoni li ġejja hija taqsira tal-gwida teknika li għandha titqies mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali fl-Istati Membri u għandha tiġi riveduta skont kif tevolvi l-epidemija tal-MERS.

Skont l-informazzjoni attwalment disponibbli, ir-riskju li min jivvjaġġa fil-pajjiżi affettwati mill-MERS jieħu l-infezzjoni MERS-CoV huwa pjuttost baxx.

Il-Korea t'Isfel

Ir-riskju għal min jivvjaġġa fil-Korea t'Isfel huwa baxx ħafna, sakemm ma jiġix f'kuntatt mal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari dawk li jinsabu fid-distretti affettwati. Ir-riskju għall-parteċipanti fl-Universiade tas-sajf tal-2015 (il-Logħob Olimpiku tal-istudenti) li qed isiru bejn it-3 u l-14 ta' Lulju fi Gwangju, jitqies ukoll baxx ħafna peress li fid-distrett fejn sar il-logħob ma ġie rrappurtat l-ebda każ ta' MERS.

Il-Peniżola Għarbija

Ir-riskju għal min jivvjaġġa fil-Peniżola Għarbija u b'mod partikolari fl-Arabja Sawdija huwa pjuttost baxx u huwa relatat mal-kuntatti fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa jew mal-esponimenti għall-iġmla ħajjin u l-prodotti tal-iġmla. Ir-riskju qed jitqies ogħla mil-riskju fil-Korea t'Isfel minħabba l-għadd kbir ta' raggruppamenti nożokomjali identifikati fl-Arabja Sawdija, it-trażmissjoni persistenti fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa għal aktar minn sentejn, is-suspett ta' infezzjonijiet li jseħħu permezz ta' ktajjen ta' trażmissjoni mhux rikonoxxuti fil-komunità u r-riskju relatat mal-esponiment għall-iġmla u l-prodotti tal-iġmla.

F'konformità mal-aktar [pariri reċenti tad-WHO](#), il-pajjiżi ma għandhomx jimponu restrizzjonijiet għall-kummerċ jew għall-ivvjaġġar minħabba l-MERS-CoV. Madankollu, iċ-ċittadini tal-UE li jivvjaġġaw lejn

il-pajjiżi li għad għandhom ir-riskju tat-trażmissjoni tal-MERS-CoV, għandhom ikunu mgħarrfa li f'dawn iż-żoni hemm l-MERS-CoV u għandhom jiġu mfakkra dwar l-importanza tal-iġjene tajba tal-ikel u tal-idejn u biex jevitaw il-kuntatt mal-persuni morda. Barra minn hekk, min jivvjaġġa fil-Peniżola Għarbija għandu jevita l-kuntatt mill-qrib mal-iġmla, speċjalment iż-żjarat tal-farms u l-konsum ta' ħalib tal-ġemel mhux pasturizzat, ta' awrina jew ta' laħam mhux imsajjar sew.

In-nies li diġà jkollhom kundizzjonijiet mediċi għandhom aktar ċans li jiżviluppaw mard serju jekk ikunu esposti għall-MERS-CoV. Fost dawk li għandhom riskju ogħla ta' infezzjoni gravi tal-MERS-CoV u għalhekk huwa partikolarment importanti li jkunu mgħarrfa bir-riskji, hemm:

- l-anzjani;
- il-persuni b'mard kroniku, fosthom: il-mard tal-qalb, il-mard tal-kliewi, il-mard respiratorju, id-disturbi tas-sistema nervuża u d-dijabete;
- il-persuni b'kundizzjonijiet immunodeficijenti, konġenitali jew akkwiziżi;
- in-nisa tqal.

Il-pellegrini li jivvjaġġaw f'Hajj u Umrah u li diġà jkollhom kundizzjonijiet mediċi, għandhom jikkonsultaw lit-tabib biex flimkien jeżaminaw ir-riskji qabel ma jiddeċiedu li jagħmlu l-pellegrinaġġ.

Min ikun se jivvjaġġa u diġà jkollu kundizzjonijiet mediċi, għandu jingħata l-parir li qabel ma jivvjaġġa, jidentifika faċilità tal-kura tas-saħħa fdata f'każ li tinqalagħlu xi emerġenza tas-saħħa matul il-vjaġġ tiegħu. Min ikun qed jivvjaġġa u jkollu bżonn kura medika, għandu jnaqqas il-kuntatt tiegħu ma' persuni oħra morda li jkunu jinsabu fil-faċilità.

Dawk il-vjaġġaturi li jirritornaw minn vjaġġ f'xi pajjiż affettwat bl-MERS jingħataw il-parir biex, jekk wara ġimagħtejn minn meta jkunu rritornaw lura taqbadhom xi marda respiratorja bid-deni u s-sogħla, ifittxu għajjnuna medika u jinfurmaw lit-tabib bil-postijiet li jkunu vvjaġġaw fihom reċentament.

Il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa se jevalwa mill-ġdid l-evidenza u s-sitwazzjoni fuq bażi regolari u jirrevedi din id-dikjarazzjoni skont dan.